# Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja

minn Leonard Grech (Dan l-artiklu kien ippubblikat għall-ewwel darba: *In-Nizzjon Tagħna*, 27-10-2009)

Martina spiċċat il-Form 5 is-sena l-oħra. F'ċerimonja apposta hija ngħatat dak li s'issa konna nsejħulu *School Leaving Certificate.* Ħadet pjaċir bih għax kien jiċċertifika kemm kienet marret tajjeb tista' tgħid fis-suġġetti kollha tal-iskola. Imma mkien ma deher fuq iċ-ċertifikat kemm-il kompetizzjoni ħadet sehem fiha, kemm ħadmet favur in-*newsletter* tal-iskola u kemm stinkat biex it-tim tal-volibol jitħarreġ fil-ħiliet meħtieġa. Iċ-ċertifikat kien juri nitfa mill-ħajja tagħha fl-iskola mill-Form 1 sal-Form 5.

L-istess storja ġrat fil-każ ta' Tonio. Iċ-ċertifikat ta' bħalissa żgur li mhux xi profil tal-istudent. Ma weriex li Tonio kien ilu ħames snin sħaħ fil-banda tal-iskola, li kien membru fil-klabb taċ-ċess u li kien f'għaqda mhux governattiva li taħdem favur id-djar tat-tfal.

Ix-xewqa li jinbidel dan l-imbierek ta' *School Leaving Certificate* ilha tinħass. Issa bdejna niċċaqalqu sew u nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru, il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dolores Cristina, nidiet format ġdid għall-konsiderazzjoni tal-edukaturi u tal-poplu kollu.

Il-proposta hi li fl-aħħar tal-Form 5 kull student jingħata folder li fih ikollu Ċertifikat u *transcript* li jitfa' dawl fuq il-kisbiet tal-istudent matul is-snin tas-Sekondarja.



It-***Transcript***

Ngħidu mill-ewwel li t-*transcript* se jkun jiġbor fih tagħrif u kisbiet mill-ewwel sal-ħames klassi tas-Sekondarja. Jiġifieri huwa wieħed akkumulattiv u għalhekk għandu jservi ta' inċentiv biex l-individwu jistinka minn sena għal oħra.

X'se jkun fih it-*transcript*?

Minbarra dettalji personali, se jkopri ħames oqsma li ħaqqhom jissemmew.

**L-Attendenza**

L-ewwelnett hemm il-kwistjoni tal-attendenza. L-istudenta se jkollha rekord ta' kemm attendiet skola kull sena. Nafu li xi studenti jibdew ifallu fl-aħħar snin tas-Sekondarja. Għalhekk qed naħdmu fuq metodi biex ninċentivaw lill-istudenti ħalli ma jfallux bla bżonn. Dan jista' jfisser anke tibdil fil-kurrikulu. L-attendenza tista' tħalli effett fuq il-kwalità ta' ċertifikat li finalment jieħdu l-istudenti fl-aħħar tas-Sekondarja.

**Edukazzjoni Formali**

F'din it-taqsima l-istudent se jkollu fost affarijiet oħra, il-marki tal-eżamijiet annwali kollha ta' kull suġġett matul il-ħames snin. Se jkollu wkoll l-assessjar ta' kull għalliem ta' kull suġġett. Irridu naqblu kif għandu jsir l-assessjar tal-għalliema. Dan għandu jkun l-opinjoni professjonali tal-għalliem dwar il-ħiliet li l-istudent partikolari jkun akkwista f'dak is-suġġett. L-assessjar tal-għalliem jista' jiġi indikat taħt forma ta' marka li però tkun abbinata mal-livell tal-programm edukattiv li jkun qed isegwi l-istudent. B'eżempju niftehmu aħjar. Marta qiegħda Form 1 u brava ħafna fl-Ingliż. Qed issegwi programm tal-ogħla livell. Dan se jkun indikat fuq it-*transcript*. Mela l-marka tal-eżami kif ukoll il-marka tal-għalliem se tkun abbinata mal-livell tal-programm li Marta qed issegwi. Dan jgħodd ukoll meta niġu għall-Matematika, suġġett li Marta batuta fih u għalhekk qed issegwi programm anqas ambizzjuż minn dak li qed timxi fuqu fl-Ingliż. Dan ikun ifisser li marka ta' sittin punt li Marta ġġib fl-Ingliż se tkun tiswa aktar mill-marka ta' sittin punt li hija ġġib fil-Matematika. Fit-*transcript* dan se jkun jidher b'mod ċar. Se jkun hemm imniżżel ukoll il-livell tal-kisbiet tal-istudent fis-suġġetti partikolari. Dan il-livell naslu għalih billi nikkunsidraw il-livell tal-programm li jkun qed isegwi l-istudent, il-marka li jġib fl-eżami u l-marka li jagħti l-għalliem. Wieħed hawn irid ifakkar li t-toqol tal-eżami jkun skont il-programm ta' tagħlim segwit. Naħsbu li b'dawn il-metodi nkunu qed naqdu l-bżonnijiet tal-istudenti u fl-istess ħin nużaw miżura waħda kif inkejlu l-progress tal-istudenti.

**Edukazzjoni Mhux Formali**

Qasam li qed nipproponu li għandu jidħol fit-*transcript* huwa dak tal-Edukazzjoni Mhux Formali li tinkludi attivitajiet li jsiru fl-iskola barra mill-ħin tal-lezzjonijiet. Dawn hawn min isejħilhom attivitajiet extra kurrikulari. Is-sehem tal-istudent f'attivitajiet bħal dawn għandu jkun rikonoxxut u mniżżel iswed fuq l-abjad. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkludu l-kor, sports, drama, jew klabbs fl-iskola li jikkonċentraw fuq xi interess partikolari (eżempju klabb favur l-ambjent fl-iskola). Attivitajiet bħal dawn għandhom valur kbir edukattiv meta narawhom fl-ispirtu ta' edukazzjoni ħolistika, jiġifieri edukazzjoni li tagħti kas l-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-istudenti. Dan il-valur jgħodd ukoll għal dik li hi Edukazzjoni Informali.

**Edukazzjoni Informali**

Edukazzjoni Informali tiġbor fiha attivitajiet u esperjenzi li l-istudenti jkollhom, jew jgħaddu minnhom barra mill-iskola. Jista' jkollok studenta attiva f'għaqda taż-

żgħażagħ, oħra tagħti servizz volontarju f'attivitajiet li jorganizza l-Kunsill Lokali, jew ikollok tfajjel li jagħti servizz fil-knisja bħala abbati, jew xi ħadd li qed jitgħallem strument mużikali.
L-idea li l-edukazzjoni informali għandha tingħata valur u tidher fit-*transcript*, hija xi ħaġa ġdida għas-sistema li aħna mdorrijin biha. Biż-żmien ħloqna sistema fejn l-iskola nqatgħet wisq mill-bqija tal-ħajja tal-istudenti barra mill-iskola. B'dak li qed nipproponu, qed nippruvaw nressqu aktar viċin xulxin l-esperjenzi tal-istudenti waqt il-ħin tal-iskola u l-esperjenzi tagħhom barra mill-ħin tal-iskola.
Nifhmu li wieħed jista' jkollu ċerti riservi fuq l-edukazzjoni informali. Liema attivitajiet se taċċetta u liema se tirrifjuta? Għalhekk jeħtieġ li jkollna ċerti kriterji li napplikawhom ħalli nkunu konsistenti u ġusti ma' kulħadd. Wieħed mill-kriterji jista' jkun li l-attività msemmija trid tkun fi ħdan għaqda rreġistrata. Barra minn hekk ikun hemm bżonn li s-sehem tal-istudenti jkun iċċertifikat minn min imexxi l-għaqda jew istituzzjoni.

**Kwalitajiet Personali**
Inħossu li l-kwalitajiet li tiżviluppa l-istudenta għandhom ukoll ikunu rikonoxxuti. Għandna f'moħħna kwalitajiet ta' tmexxija, puntwalità, bżulija, altruwiżmu u oħrajn. Fuq it-*transcript* jitniżżlu biss kwalitajiet li għandha l-istudenta u mhux ukoll dawk li hija baqgħet lura fihom. Niftakru li dan huwa dak li bl-Ingliż insejħulu *Record of Achievement.* Ma rridux li d-dokument jispiċċa jintuża kontra l-interessi tal-istudenti. Qed ngħid hekk għax it-*transcript* jista' jiġi ppreżentat meta wieħed japplika għal xi xogħol.

**Iċ-Ċertifikat**
Kull taqsima li semmejt fuq ikollha l-punti ddedikati għaliha. Finalment joħroġ Ċertifikat li jista' jkollu l-bolla tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki. F'dan il-każ iċ-Ċertifikat ikun tal-Ewwel Livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki u tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja. Iċ-Ċertifikat jista' jkun wieħed ta' Distinzjoni, ta' Mertu jew ta' Pass, dejjem skont il-livell li jkun laħaq l-istudent. F'każ li l-istudent ma jilħaqx l-istandard meħtieġ, iċ-Ċertifikat ma jkollux il-bolla tal-Kunsill.

**Konklużjoni**
Issemma t-tagħlim tul il-ħajja, xi ħaġa li nisħqu fuqha għax nemmnu li t-tagħlim m'għandux jieqaf. Minħabba f'hekk naħsbu li l-isem *School Leaving Certificate* għandu jinbidel. Nistgħu nsejħulu *Certificate of Secondary Education* jew bil-Malti **Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja.** Naħsbu li l-kliem 'Leaving' jew 'Tmiem' m'għandniex nużawhom għax jistgħu jagħtu l-idea li l-istudju jkun spiċċa.
Nixtiequ ħafna l-opinjonijiet tal-pubbliku fuq dan kollu li qed ngħidu. Tistgħu ċċemplu fuq *freephone* 1571 jew tiktbu fuq skola@gov.mt
Tislijiet lill-qarrejja kollha.

---